MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1207/1990/1

**Avukat Dottor Austin Sammut għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Thos. C. Smith Insurance Services Limited* u dina bħala aġent tas-soċjetà estera *Eagle Star Insurance Company Limited***

***Versus***

**Joseph Falzon u Carmelo Falzon bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza ta' *Falcotrans Limited* bħala aġenti tas-soċjetà estera *Fridge Freight International*, operaturi tat-*trailer* numru C6058 78163.3**

Din hija kawża dwar merkanzija li saritilha l-ħsara waqt li kienet tinġarr mill-konvenuta.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà *Joseph Said Limited* kienet importat f'Malta elfejn u sebgħa u erbgħin (2,047) pakk ta' frott u ħxejjex li kienu mgħobbija f'*reefer trailer* numru C6058 78163.3, tas-soċjetà konvenuta, min Rotterdam fl-Olanda sa Livorno u minn hemm għal Malta fuq il-

bastiment *Pinto*. Wara li t-*trailer* wasal Malta fil-5 ta' Novembru 1989 u nħatt dakinhar stess, il-merkanzija ngħatat lill-importatur bil-ħsara. Irriżulta li t-*trailer* li fih inġarret il-merkanzija u r-*refrigeration plant* kienu bil-ħsara.

Biex tagħmel tajjeb għall-ħsara s-soċjetà attriċi bħala assikuratriċi ħallset lill-importatur elfejn ħames mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,593.55), u kienet surrogata fid-drittijiet tiegħu. Ħallset ukoll erbgħin lira (Lm40) spejjeż biex sar *survey*, u għalhekk b'kollox ġarrbet danni ta' elfejn ħames mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,593.55) ġ*sic*ħ[1].

Billi jidhrilha illi l-konvenuta taħti għall-ħsara, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb għad-danni; u
2. tikkundannaha tħallas lill-attriċi elfejn ħames mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,593.55), bl-imgħax mill-31 ta' Lulju 1990 u bl-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra bonarja tat-30 ta' Mejju 1990.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attriċi ma għamlitx prova illi l-ħsara ġrat bi ħtija tal-konvenuta; il-konvenuta kellha biss iġġorr il-merkanzija minn Rotterdam għal Malta, vjaġġ ta' tlitt ijiem, u ċertament il-ħsara ġrat qabel iż-żmien meta l-merkanzija ġiet f'idejn il-konvenuta;
2. l-attriċi trid ukoll tagħmel il-prova illi l-merkanzija kienet fi stat tajjeb meta għaddietha f'idejn il-konvenuta; u
3. is-*survey* magħmul għall-attriċi ma tistax toqgħod fuqu, meta tqis illi l-merkanzija daħlet Malta fil-5 ta' Novembru 1989, l-importatur ħadha dakinhar stess, u s-*survey* sar fil-21 ta' Novembru 1989, aktar minn ħmistax wara.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà importatriċi daħħlet f'Malta konsenja ta' frott u ħxejjex u assikurat il-konsenja mas-soċjetà attriċi. Il-merkanzija kellha tinġarr mill-konvenuta, u l-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuta jgħid fost ħwejjeġ oħra illi "*temperature is to be maintained at plus six degrees*

[1] Lm2,593.55 + Lm40 = Lm2,633.55, mhux kif jing]ad fi`-`itazzjoni.

*Celcius*"[2]; għalhekk il-konvenuta kellha ġġor il-merkanzija f'*refrigerated container*.

Fil-ftehim ma jingħad xejn dwar il-kwalità u l-istat tal-merkanzija meta ngħatat f'idejn il-konvenuta, u għalhekk il-qorti għandha tifhem illi ma kien hemm xejn x'juri li l-merkanzija kienet bdiet teħżien. Għal din ir-raġuni, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta ma tistax tintlaqa'.

Meta l-merkanzija waslet Malta u bdiet tinħatt, min kien qiegħed iħott seta' jinduna illi t-temperatura kienet ogħla minn sitt gradi *Celsius* (6ºC). Fil-fatt it-temperatura kienet ta' tmintax-il grad (18ºC) u minn *survey* li sar fit-8 ta' Novembru 1989[3], tlitt ijiem wara, instab mhux biss li t-temperatura kienet ogħla milli kellha tkun iżda wkoll ma kienx hemm ċirkolazzjoni ta' l-arja fil-*container*. Ir-raġuni għal dan kienet ħsara fil-mekkaniżmu tal-*container* stess.

L-importatriċi biegħet dak li setgħet mill-merkanzija u l-ħażin intrema, b'telf ta' elfejn ħames mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,593.55) li għalih għamlet tajjeb l-attriċi taħt il-polza ta' assikurazzjoni.

Il-konvenuta qiegħda tgħid fl-ewwel eċċezzjoni illi ma jistax ikun illi l-merkanzija ħżienet fit-tlitt ijiem li għamlet fil-*container*, u għalhekk bilfors li kienet ħażina qabel. Ġà rajna li ma hemm ebda notament li l-konvenuta rċeviet il-merkanzija fi stat ħażin. Barra minn hekk, kien hemm raġuni għala, ukoll għal vjaġġ ta' tlitt ijiem, it-temperatura kellha tinżamm baxxa, u n-nuqqas ta' tħaris ta' dik il-ħtieġa x'aktarx li ħalla konsegwenzi. Il-qorti hija sodisfatta illi l-merkanzija ħżienet minħabba t-temperatura ferm ogħla milli kellha tkun, abbinat man-nuqqas ta' ċirkolazzjoni ta' arja li kompla ħaffef il-proċess ta' tnawwir.

Dwar il-*quantum* tal-ħsara ma saritx kontestazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallasha elfejn ħames mija u tlieta u disgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,593.55) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni.

---

2 *Fol.* 5.

3 *Foll.* 13 *et seqq.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------